MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2010

Numru 173/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**Vs.**

**MARVIN MCKAY**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Marvin Mckay ta’ 35 sena, bin Anthony u Chaterine nee’ Grech, imwieled Pieta’ fil-10 ta’ Novembru 1974, residenti Marlon, Triq il-Wejba, Swieqi u detentur tal-karta ta’ l-identita’ 563574 (M).

Billi huwa akkuzat talli f’Marzu 2009, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. approprija, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuni ohra, is-somma ta' sit mija u tmienja u hamsin Euro (€658) ghad-dannu ta' Alex Mercieca, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.
2. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' sitt mija u tmienja u hamsin Euro (€658) ghad-dannu ta' Alex Mercieca;
3. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. AM3 u nnutat li l-imputat Marvin Mckay m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li l-ammont dovut lill-parte civile Alex Mercieca mill-imputat rigward din il-kawza hu ta’ sitt mija u tmienja u hamsin Euro (Euro 658).

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dawr il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 183, 293, 308 u 310(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Marvin Mckay, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-fedina penali tal-imputat u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallun li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat Marvin Mckay ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputat Marvin Mckay jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qieghda tobbliga lill-imputat Marvin Mckay li jhallas lill-parte civile Alex Mercieca fi zmien sitt (6) xhur millum is-somma ta’ sitt mija u tmienja u hamsin Euro (Euro 658) dovuti mill-istess imputat Marvin Mckay lill-imsemmi parte civile Alex Mercieca rigward din il-kawza.

Finalment il-Qorti  qed taghti lill-imputat Marvin Mckay l-ispjegazzjonijiet preskritti fis-sub-artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------